MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru 119/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**Luke Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Luke Bugeja ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, iben il-mejtin Carmelo u Mary Anne neè Muscat, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Marzu 1985, minghajr indirizz fiss u detentur tal-Karta ta’ Identità bin-Numru 170785(M), talli:

1. Nhar il-5 ta' Frar 2013, matul il-jum u cioè ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu, f'dawn il-Gzejjer u cioè gewwa Dar Leopoldu, Triq San Albert, Gzira,

volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè hsara fuq camera ta' sorveljanza, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centemzu (€1,164.69) izda tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) li sar ghad-detriment tal-Fondazzjoni Suret il-Bniedem u/jew ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront ta' Charles Mifsud u ta' impjegati ohra li jahdmu gewwa Dar Leopoldu.

Rat li l-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' htija, il-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà ta' Charles Mifsud u ta' impjegati ohra li jahdmu gewwa Dar Leopoldu, ai termini ta' l-Artikolu 383(1) (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Rat illi l-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuzi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi ta’ l-imputat, izda anki n-natura tar-reati minnu ammessi.

Wara li rat l-Artikoli 325 (1) (b) u 339 (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu, il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.
Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem illi jekk huwa jaghmel xi reat iehor fi zmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati trattati f'dawn il-proceduri.

Ai termini ta’ l-Art.24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem is-somma ta’ mija wiehed u ghoxrin euro u erbgha u hamsin centezmu (€121.54) rapprezentanti danni u hsarat kagunati fil-camera ta' sorveljanza tal-fond, “Dar Leopoldu” Triq San Albert, Gzira, liema hlas ghandu jsir fi zmien erba’ (4) xhur millum.

Flimkien ma’ dan provdut qed tigi imposta wkoll obbligazzjoni fuq l-imputat ai termini ta’ l-Artikoli 383 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-fini tas-sigurtà ta' Charles Mifsud u ta' impjegati ohra ta' Dar Leopoldu, Triq San Albert, Gzira, liema obbligazzjoni hija ghall-perjodu ta’ sena (1) millum skond digriet moghti illum stess u li jifforma parti intergrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------